MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Appell Civili Numru. 248/2003/1

**Alfred Mallia u martu Theresa ghal kull interess li jista' jkollha**

**v.**

**Carmel Seguna u Kevin Debono**

**Il-Qorti**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-7 ta' Marzu 2003 l-atturi ppremettew illi fis-7 ta' Ottubru 2001 waqt li l-attur kien ghaddej miexi fi Triq Hal

Tarxien, Gudja flimkien ma' ibnu Ramon, hu safa milqut minn *pick-up van* li tirregola z-zwiemel tat-tigrija, li kellu n-numru ta' registrazzjoni CBB436 u li kien misjuq mill-konvenut Carmel Seguna, filwaqt li l-*cage bars* li jikkontrollaw iz-zwiemel kienu manuvrati min-naha tax-xellug minn certu Rupert Schembri, u dan kif jirrizulta ahjar mill-okkorrenzi tal-Pulizija hawn annessa u markati Dok. "AM 1" u Dok. "AM 2"; illi dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza, traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuti, u dan kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi b'rizultat ta' dan l-incident l-attur safa korrut serjament f'rasu, wiccu u f'irkopptu u baqa' dizabbilitat permanentement, skond ma jirrizulta mill-annessi Dok. "AM 3", "AM 4" u "AM 5"; illi l-konvenuti gew interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha li sofra l-attur izda baqghu inadempjenti. Dan premess l-atturi li dik il-Qorti:

"1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-incident li fih safa korrut l-attur fis-7 ta' Ottubru 2001.

"2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba dan il-korriment u dan okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi.

"3. Tikkundanna lill-konvenuti biex flimkien u in solidum ihallsu lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati.

"Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Novembru 2002 u taz-zewg ittri ufficjali tas-7 ta' Marzu 2003 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni."

B'nota pprezentata fit-3 ta' Settembru, 2003 (fol. 17 tal-atti) il-konvenut Carmel Seguna eccepixxa:

"1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident gara tort unikament tal-attur Alfred Mallia kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza u kwindi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-atturi.

“2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fid-29 ta’ Novembru, 2007 bil-mod segwenti:

“Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmel Seguna u fil-kontumacja tal-konvenut Kevin Debono, tilqa’ t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz b’dan illi:-

“1. Tiddikjara illi l-konvenuti huma responsabbli ghall-incident li fih safa korrut l-attur fis-7 ta’ Ottubru 2001.

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur minhabba dan il-korriment u dan fl-ammont ta’ tlett elef, mitejn u tnejn u disghin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm3,292.80) [sebat elef sitt mija u sebghin Ewro u sittax-il centezmu tal-Ewro (€7,670.16)].

“3. Tikkundanna lill-konvenuti biex flimkien u in solidum ihallsu lill-atturi d-danni kollha hekk likwidati fl-ammont ta’ tlett elef, mitejn u tnejn u disghin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm3,292.80) [sebat elef sitt mija u sebghin Ewro u sittax-il centezmu tal-Ewro (€7,670.16)].

“Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.”

Dik il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet;

“Illi din il-kawza titratta dwar incident li sehh fit-Triq Hal Tarxien, Gudja fis-7 ta’ Ottubru 2001 waqt li kienu qed isiru tigrijiet taz-zwiemel fl-istess triq u fejn l-attur li kien miexi fl-istess triq safa’ milqut minn van tat-trott misjuq minn Carmel Seguna u dan permezz tal-*cage-bar* li tkun miftuha sakemm iz-zwiemel li kienu qed itelqu jigu kollha wara l-van, u wara tinghalaq.

“Illi jirrizulta li jhaddmu l-istess *cage bar* kien hemm il-konvenut Kevin Debono li kien qed jopera l-hadida tan-naha tal-lemin u Reuben  Schembri li kien qed ihaddem in-naha tax-xellug u dan ghaliex l-istess *cage bar* kienet tithaddem biss manwalment minn zewg persuni li jkunu fuq il-wara tal-istess van bil-wieqfa, kif din il-Qorti setghat tikkonstata fl-access li inzamm fuq il-post tal-incident. Kif din tinghalaq bl-idejn il-van tmur fuq in-naha tal-lemin tat-triq minhabba z-zwiemel li jkunu qed itellqu u b’hekk ma tibqax fin-nofs tat-triq.

“Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien ghaddej fuq in-naha tal-lemin tat-triq lejn id-direzzjoni tal-Gudja u mieghu kien ghaddej it-tifel tieghu u dan sabiex imorru bil-mixi lejn is-sala tat-tigijiet “Country Castle”, u kif  kienu hekk mexjin mal-genb tat-triq, fejn hemm certu pjanti jew arbuxelli kif anke indikat fl-iskizz esebit bhala Dok. “GA 7” (fol. 81 tal-process) u wkoll mir-ritratti esebiti bhala Dok. “A” sa Dok. “G” u wkoll dawk immarkati bhala Dok. “A1” sa Dok. “A5”, huwa gie milqut mill-istess *cage-bar* u dan bil-konsegwenza li soffra griehi ta’ natura permanenti f’wiccu.

“Illi jirrizulta mix-xhieda moghtija mill-konvenut innifsu Carmel Seguna, is-sewwieq tal-istess vettura Reg. No. CBB - 436, li huwa ammetta li qabel l-incident huwa lanqas biss ra lill-attur, u dan ghaliex sostna li l-attur kien wara x-xtieli jew arbuxxelli li hemm fl-istess naha tat-triq u b’hekk huwa qed jsostni li ma setghax jarah. Din il-Qorti thoss li b’din it-tip ta’ xhieda l-istess konvenut ma jistax jeskolpi ruhu mir-responsabbilta` tal-incident u dan peress li la darba huwa jixhed li lanqas biss ra lill-attur qabel l-incident, din fiha nfisha hija awto-inkolpazzjoni u dan ghaliex huwa kien fid-dover li jara li s-sewqan tieghu, wkoll b’dik it-tip ta’ vettura f’dawk ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, meta kienet qed issir tellieqa taz-zwiemel f’nofs triq, ma kienx ser ikun ta’ perikolu ghall-utenti tal-istess triq, ladarba tali triq ma inghalqitx ghall-pubbliku u fil-fatt ix-xhieda kollha prodotti ndikaw li kien hemm diversi nies fl-istess triq, inkluz xhieda prodotti mill-konvenuti stess.

“Illi mhux hekk biss izda ladarba huwa ma rax, u *in verita`* lanqas biss induna bl-incident, mela allura din ix-xhieda

tieghu hija biss supposizzjoni, u dan proprju ghaliex huwa zgur ma jistax jghid fejn kien l-attur ladarba huwa ma rahx fl-ebda mument, u lanqas biss induna li gara l-incident, b'hekk li allura fil-verita` lanqas biss jaf kif gara l-incident. Tant huwa minnu dan li minhabba l-fatt li huwa lanqas biss induna li gara l-incident huwa lanqas ghamel rapport ta' xejn, anke jekk fuq il-post jirrizulta li l-attur kien wegga' serjament. Dan japplika wkoll ghall-konvenut l-iehor.

“Illi dan kollu qed jinghad fl-isfond li minkejja li l-konvenut jghid li hass daqqa fuq in-naha tal-lemin tieghu, izda ma kienx jaf ezatt x'kienet, kemm ghaliex id-daqqa grat bil-*cage bar* u allura meta huwa kien qabez il-posizzjoni ta' fejn kien l-attur, u wkoll ghaliex meta saret id-daqqa huwa ammetta li ma setax jieqaf ghaliex kienu gejjin iz-zwiemel warajh (u allura kellu jwarrab min-nofs) u kif ukoll ghaliex haseb li setghu kienu s-sewwieqa taz-zwiemel li laqtuh, b'dan li huwa  baqa' sejjer biex ma jibqax fin-nofs tat-triq u b'hekk ma jsirux incidenti iktar maz-zwiemel li kienu qed itellqu.

“Illi dan fih innifsu juri bic-car il-perikolu ta' tali aveniment li l-konvenut Seguna kien parti minnu u jidher car li f'dawn ic-cirkostanzi tal-kaz l-istess konvenut ma hax il-prekawzjoniet necessarji sabiex tali sewqan tieghu ma jkunx perikolu ghall-utenti tal-istess triq, inkluzi dawk ta' persuni li kienu mexjin fl-istess triq fuq iz-zewg nahat taghha, tant li din il-Qorti thoss li l-istess sewwieq kien mohhu biss fit-tellieqa u xejn izjed, haga li hija ferm perikoluza meta din il-Qorti jirrizultalha li  kien hemm diversi persuni li wzaw l-istess triq fil-hin meta kienu qed isiru tali tlielaq.

“Illi huwa sintomatiku li skond ix-xhieda ta' P.S. 249 Angelo Curmi u P.S. 994 Joseph Abela l-istess konvenuti lanqas biss irrapurtaw l-incident u kienet il-pulizija li baghtet ghalihom wara li sar ezami tal-permessi tal-pulizija li kienu inhargu sabiex jinzamm tali avveniment (xhieda 20 ta' Ottubru 2004).

“Illi jirrizulta wkoll anke mir-ritratti esebiti (Dok. “GA 1”) u wkoll mill-access li nzamm mill-Qorti li fuq in-naha ta' fejn

kien ghaddej l-attur ma hemm l-ebda bankina u ghalhekk min jghaddi minn hemm ikun miexi bejn u biswit il-pjanti li hemm fl-istess triq u fit-triq, b'mod li min ikun qed isuq ikollu vizwali sew tal-persuni li jkunu ghaddejjin minn dik il-parti tat-triq u dan iktar u iktar meta jidher li l-versjoni attrici hija li l-incident sehh fil-punt fejn huwa mmarkat fl-iskizz esebit mill-atturi bhala Dok. "GA 7" (fol. 81) xhieda li tikkonferma dik moghtija mill-attur u minn ibnu fl-affidavits taghhom, u wkoll dik indikata mill-okkorrenza (Dok. "GA 2" – fol. 75) u dan iktar u iktar meta din il-Qorti thoss li a bazi ta' dak li hija stess ikkonstatat fl-access, tali versjoni tal-atturi hija wkoll verosimili, u biex intlaqat l-attur huwa kien proprju f'dik il-posizzjoni miexi 'l fuq fid-direzzjoni tal-Gudja, kollox kif kkorroborat minn ibnu Ramon Mallia.

"Illi jidher li l-istess konvenut sostna li jista' jkun li laqat lill-konvenut ghaliex ma rahx peress li dan kien taht is-sigar, izda apparti li din hija biss supposizzjoni, ghaliex il-konvenut ammetta li ma kienx jaf li laqat lill-attur hlief wara l-incident, din il-versjoni ma hijiex lanqas kredibbli ghaliex kontradetta mix-xhieda tieghu stess tant li jekk wiehed jara x-xhieda tieghu stess moghtija fl-1 ta' Frar 2005, l-attur ma kienx jintalaqat ghaliex skond huwa bejn il-gagga u s-sigar kien hemm mill-inqas tlett piedi (fol. 133). L-istess sostna l-konvenut l-iehor. Dan apparti li mill-provi prodotti x-xtieli lanqas kienu tali li l-attur setgha jinheba minnhom u dan kif il-Qorti kkonstatat kemm mir-ritratti esebiti u wkoll mill-istess access mizmum minnha.

"Illi permezz ta' xhieda ohra ta' certu Charles Sghendo (1.4.2005) jidher li l-konvenut Seguna qed jaghti versjoni ohra tal-incident u dan hija fis-sens li l-attur intlaqat ghaliex ghal xi raguni (forsi allega biex jaqsam it-triq) hareg minn wara x-xtieli jew pjanti u b'hekk intlaqat bil-gagga (*cage bar*). Din il-Qorti izda tinnota li din il-versjoni hija kontradittorja ghal dik tal-konvenut inkluza dik moghtija minnu fl-24 ta' Mejju 2005, ghaliex kieku gara hekk il-konvenut Seguna kien f'posizzjoni li jara lill-attur u mhux baqa' jsostni li huwa fl-ebda mument ma ra lill-attur ghaliex kien taht jew wara s-sigar (fol. 187). Apparti minn dan minkejja li l-istess xhud qed jghid li ra lill-attur car jaghmel din il-manuvra, ghaliex kien quddiemu pero`

baqa' lill-attur ma gharfux; fl-ahharnett l-istess xhud minkejja li qed jghid li ra lill-attur jaghmel din il-manuvra fix-xhieda tieghu ma setax jghid kif intlaqat l-attur u kif dan spicca ma' l-art. Dan kollu jrendi l-istess versjoni ta' dan ix-xhud bhal mhux kredibbli u lanqas attendibbli minn din il-Qorti kemm anke ghaliex kontradittorja anke max-xhieda tal-konvenut stess u fi kwalunkwe kaz inkonsistenti u inverosimili. Anke kemm kienu folti l-istess pjanti x-xhieda tal-istess xhud ma hijiex kredibbli ghaliex mir-ritratti esebiti minnu stess (Dok. "A" sa "G") (li ma jirriflettux kif kienu l-istess pjanti fil-mument tal-incident) dawn lanqas huma kbar daqs kemm iddeskriva huwa fix-xhieda tieghu, u fil-fatt l-istess stat ta' pjanti huma simili ghal dak esebit mill-attur bhala Dok. "AG 1" (fol. 74) u dawk esebiti bhala Dok. "A2" sa Dok. "A5". Ir-ritratt esebit bhala Dok. "H" huwa ta' pjanta ohra f'post differenti tant li hemm hajt kbir warajha li mhux il-kaz fit-triq in kwistjoni fejn hemm biss cint u minn imkien ma jirrizulta li sigar f'din it-triq kienu fil-mument tal-incident kif indikat fl-ahhar imsemmi ritratt. L-access jidher li kkonferma wkoll l-istat tal-istess pjanti kienet bhal dik deskritta mill-attur.

"Illi l-istess jinghad dwar ix-xhieda ta' Carmen Sghendo filwaqt li din il-Qorti tinnota li ghal mistoqsija ta' jekk ratx lill-konvenut hiereg minn wara s-sigar hija qalet "*li kull ma smajt hoss lanqas issopponejt li qala' daqqa hu*" (fol. 195). Ftit wara qalet "*rajtu jdur hiereg minn bejn is-sigar*" (fol. 196). Pero` tghid li minkejja li ghamel dan "*ma jistax ikun li hareg fit-triq*" (fol. 196). Huwa sintomatiku li l-istess konvenut fl-ebda mument ma xehed li ra lil dawn il-persuni, ghalkemm dawn kienu fuq in-naha l-ohra tat-triq u ma kien hemm ebda sigar fuq dik in-naha u dan qed jinghad ghaliex dawn iz-zewg xhieda sostnew li kienu qed jirriskjaw li kienu hemm.

"Illi min-naha l-ohra jidher li Kevin Debono, l-konvenut l-iehor, ma rax lill-attur anke peress li huwa kien qed ihares fil-posizzjoni opposta meta laqat lill-attur bil-cage bar u dan ghaliex huwa kien bil-wieqfa fuq il-van ihares lejn iz-zwiemel gejjien warajh, lest sabiex jaghlaq il-*cage bar* tan-naha tieghu meta jkun il-waqt. Izda dan bl-ebda mod ma jezimi lil dan il-konvenut ukoll mir-responsabbilta` tal-

incident, ghaliex sabiex jaghmel dan it-tip ta’ moviment bil-*cage bar*, iktar u iktar meta huwa jkun qed ihares l-oppost tad-direzzjoni li jkun miexi l-istess sewwieq (ghaliex huwa jkun dahru lejn il-kabina tal-van), huwa kellu jassigura ruhhu li tali manuvra ma kienitx ser tkun ta’ perikolu ghal min ikun qed juza t-triq, u dan anke jekk hemm bzonn billi jaccerta ruhu li jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex jekk ikun mehtieg ma jithallewx persuni ghaddejjin mill-istess triq, haga li l-istess konvenut ma ghamilx; kif fuq kollox ma ghamilx lanqas il-konvenut l-iehor f’din il-kawza. Fil-fatt l-istess konvenut jammetti wkoll li huwa lanqas biss induna li laqat lill-attur u dan minkejja l-fatt li l-attur bl-impatt waqa’ ma’ l-art u wegga’ gravament. Dan jirrendi l-azzjoni tal-konvenut iktar negligenti iktar u iktar meta ghalkemm it-triq waqt it-tigrijiet kienet maghluqa ghat-traffiku, pero` thallew jghaddu n-nies mill-istess triq bil-mixi u l-istess konvenut kien konxju ta’ dan kollu.

“Illi dan kollu huwa wkoll iktar gravi meta jidher li l-unika prekawzjonijiet li inhadu waqt tali tigrija taz-zwiemel fit-triq kien biss li ma jithallewx jidhlu karozzi, b’dan li nies bil-mixi thallew jghaddu u fil-fatt jirrizulta li fit-triq kien hemm l-attur u ibnu u wkoll persuni ohra. Dwar dan hemm ix-xhieda tal-attur (kemm fl-affidavit u wkoll in kontro-ezami tat-23 ta’ Novembru 2004), ibnu, martu, Charles Sghendo u l-Pulizija li xehdu f’dawn il-proceduri, nkluza dik ukoll ta’ WPS 155 Rita Abela (6.12. 2004), u l-istess okkorrenza (Dok. “GA 2”) li indikat li t-triq kienet biss maghluqa ghat-traffiku. Ta’ dan kollu kienu konxji tieghu wkoll il-konvenuti li xehdu wkoll f’dan is-sens (ara wkoll xhieda ta’ Kevin Debono tat-30 ta’ Marzu 2007 (fol. 298), u allura kellhom l-obbligu huma wkoll li jkunu iktar attenti ghal dak li kien qed isir minnhom la darba huma ghazlu li jsuqu wkoll f’dawk ic-cirkostanzi.

“Illi huwa sinfikanti wkoll li minn dakinhar ma sarux iktar tlielaq fl-istess triq. Jigi nnutat li l-permessi li inhargu sabiex isiru t-tlielaq kienu ghad-data tat-30 ta’ Settembru 2001 u mhux spjegat ghaliex fil-fatt dawn sehhew fis-7 ta’ Ottubru 2001 (Dok. “RA 1” u “RA 3”), u dan minbarra li mid-dokumenti esebiti lanqas biss jirrizulta li kellha tintuza tali tip ta’ karozza waqt l-istess tlielaq u dan jinsab

ikkonfermat kemm mix-xhieda ta’ WPS 155 Rita Abela (6 ta’ Dicembru 2004) kif ukoll mid-dokumenti esebiti Dok. “RA 1” sa Dok. RA 3” (fol. 105 sa 111), fejn jirrizulta wkoll li jidher li dak li gie indikat fil-polza ta’ assigurazzjoni (Dok. “RA2” lanqas kien segwiet kif jirrizulta mill-kundizzjonijiet tal-istess polza (fol. 106). B’hekk din il-Qorti thoss li n-ness ta’ kazwalita` bejn l-agir tal-konvenuti u d-dannu sofferti mill-attur gew ippruvati u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ewwel talba ghandha u qed tigi milqugha b’dan li l-konvenuti huma tenuti li kkawzaw u huma responsabbli ghall-incident soffert mill-attur u ghad-danni konsegwenzjali.

“Illi jirrizulta li fid-data tal-incident l-attur kellu 57 sena u allura din il-Qorti ser taddotta *multiplier* ta’ 4 snin u dwar l-introjtu tieghu jidher li bhala paga ghandu mas-Lm6,500, (€15,140.93) u din il-Qorti bl-applikazzjoni tal-*multiplicand* ser timxi fuq l-ammont ta’ Lm6,700 (€15,606.80) u barra minn dan jidher li ghandu wkoll mas-Lm600 (€13,97.62 f’sahra u *allowances* fis-sena u minn dan l-ammont din il-Qorti sejra tiehu 50% ta’ l-istess u ghalhekk din il-Qorti sejra timxi fuq introjtu ta’ Lm7,000 (€16,305.61) fis-sena.

“Illi peress li jirrizulta li l-istess attur soffra disabbilta` permanenti totali ta’ 12% (fol. 73 u fol.158) skond certifikati rilaxxati rispettivament mill-espert mediku Mr. A. Griscti Soler datat 20 ta’ Ottubru 2004 u dak mahrug mill-espert mediku l-iehor il-Professur Hector Galea datat l-1 ta’ April 2005 u peress li l-incident ilu li sehh mis-sena 2001 ma ghandux ikun tnaqqis ghal *lump sum payment* ta’ iktar minn 2% u b’hekk is-somma li huwa intitolat ghaliha l-attur hija is-segwenti:-

“Lm7,000 x 4 x 12% x 98% = Lm3,292.80.
“(€16,305.61 x 4 12% x 98 % = €7670.16)

“Illi ghalhek it-tieni u t-tielet talba attrici qed tigi milqugha fl-ammont ta’ tlett elef, mitejn u tnejn u disghin Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm3,292.80) (€7,670.16).”

**L-appell tal-konvenuti.**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fis-17 ta' Dicembru, 2007 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza fuq riportata billi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

L-atturi appellati pprezentaw risposta ghar-rikors tal-konvenuti fejn, filwaqt li ddikjaraw li s-sentenza hija gusta u timmerita konferma, talbu li din tigi konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Din il-Qorti semghet lid-difensuri tal-kontendenti fl-udjenza tad-19 ta' Jannar, 2010, meta l-appell gie differit ghas-sentenza li qed tinghata llum.

**Ikkunsidrat:**

Dan hu appell minn sentenza li ddikjarat lill-konvenuti responsabbli ghall-incident awtomobilistiku li sehh f'Tarxien Road, Gudja fis-7 ta' Ottubru, 2001 meta l-attur Alfred Mallia gie investit minn *pick-up van* li tirregola t-tigrijiet taz-zwiemel. Dan il-van kien misjuq mill-konvenut Seguna filwaqt li l-*cage bars* li jikkontrollaw iz-zwiemel kienu manuvrati minn naha tax-xellug minn certu Rupert Schembri u fuq in-naha tal-lemin (fuq liema naha kien hemm l-attur), kienu operati mill-konvenut Kevin Debono. Konsegwentement l-ewwel Qorti kkundannat lill-konvenuti solidalment bejniethom ihallsu lill-attur is-somma ta' €7,670.16 in linea ta' danni subiti minnu.

Jirrizulta li dakinhar tal-incident Tarxien Road kienet qed tintuza ghat-tigrijiet taz-zwiemel. L-attur Alfred Mallia, flimkien ma' ibnu, kien miexi fl-istess triq mal-genb, fid-direzzjoni tal-Gudja u cioe` fl-istess direzzjoni li kienet ghaddejja l-van. F'hin minnhom l-attur gie milqut mill-*cage bar* u sofra griehi.

L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha billi rriteniet li l-konvenuti kienu negligenti meta naqsu li jiehdu konjizzjoni ta' dak kollu li kien hemm fit-triq, specjalment minhabba l-fatt li persuni kienu permessi li jidhlu fl-istess

triq, u peress ukoll li operaw vettura perikoluza minghajr id-debita attenzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Qabel xejn jigi rilevat li l-appell tal-konvenuti jikkoncerna biss il-kwistjoni ta’ responsabbilita` billi ma jinghad xejn dwar il-likwidazzjoni tad-danni. Isegwi li jekk din il-Qorti hija tal-istess fehma dwar ir-responsabbilita` l-ammont tad-danni likwidati ghandu jigi konfermat billi mhux kontestat minn ebda parti.

Fir-rikors tal-appell taghhom il-konvenuti jilmentaw mill-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti billi jikkummentaw (a) li dik il-Qorti qatt ma kellha tassumi li triq maghluqa ghat-traffiku kellha tkun accessibbli ghall-pubbliku; (b) li l-attur kellu l-obbligu li jhares l-inkolumita` tieghu billi, f’dawk ic-cirkostanzi ma johrogx u jippassigga fit-triq; (c) li l-incident sehh ghax l-attur hareg il-barra mill-arbuxelli fejn ma kienx vizibbli hekk kif il-van misjuq mill-konvenut kien fil-qrib; (d) li fic-cirkostanzi l-ewwel Qorti kellha ssib negligenza kontributorja da parti tal-attur.

**Ikkunsidrat:**

Din il-Qorti, wara li regghet ezaminat bir-reqqa l-provi kollha hija tal-fehma li l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti ghandha tigi konfermata, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

a) L-uzu ta’ vettura fit-triq u partikolarment vettura bhal dik misjuqa mill-konvenut Carmel Seguna, tehtieg attenzjoni partikolari senjatament dak ta’ *proper look out* biex tigi assigurata l-inkolumita` ta’ utenti ohra tat-triq partikolarment *pedestrians*.

b) Irrizulta li fit-triq in kwistjoni, ghalkemm maghluqa ghat-traffiku biex ikunu jistghu jsiru t-tigrijiet, ma kien hemm xejn x’jimpedixxi lill-persuni li jimxu fl-istess triq. Infatti rrizulta li kien hemm diversi persuni jaraw t-tigrijiet.

c) Illi fuq in-naha tal-lemin tat-triq fejn kien miexi l-attur, kien hemm arbuxelli u sigar warajhom. Ma kienx hemm bankina u kull minn ried jghaddi minn dik in-naha tat-triq kellu jimxi l-barra minn dawn l-arbuxelli. Jirrizulta pero` li l-gholi ta' dawn l-arbuxelli kien tali li ma kienx jimpedixxi l-vizwali ghas-sewwieqa ta' vetturi tal-persuni li jkunu miexjin hemm.

d) L-attur jghid li hu kien miexi fl-istess direzzjoni tal-vettura misjuqa mill-konvenut u vicin ta' dawn l-arbuxelli. Il-konvenut Seguna kif ukoll il-konvenut Debono, ghal ragunijiet diversi, jghidu li huma qatt ma raw lill-attur. Seguna iwahhal fl-arbuxelli mentri Debono billi kellu wiccu jhares lejn il-wara tal-van billi kien qed jopera l-*cage bars*.

e) Kif gja` nghad l-attur seta' jidher facilment u ghalhekk mhux spjegabbli l-ghala l-konvenut Seguna ma rahx mal-genb tat-triq.

f) Ix-xhieda mressqa mill-konvenuti dwar xi manuvra li seta' ghamel l-attur qabel ma ntlaqat mhux ta' min joqghod fuqha, u dan billi ma kien hemm ebda raguni l-ghala l-attur kellu johrog il-barra izjed milli kien qabel ma ntlaqat, u inoltre mill-iskizz jidher li l-attur intlaqat vicin hafna l-arbuxelli b'mod li ma kienx hareg il-barra minnhom. Jinghad ukoll f'dan ir-rigward li l-attur gie milqut minn wara u dan jindika li fil-mument tal-incident hu kien ghadu miexi fl-istess direzzjoni fejn kien miexi qabel, apparti l-fatt li f'dan huwa korroborat minn ibnu.

Minn dan kollu jidher li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament gust u realistiku tad-dinamika tal-incident fis-sens li dan sehh meta l-vettura misjuqa minn Seguna laqtet lill-attur li kien fuq in-naha tieghu tat-triq billi l-istess konvenut ma kienx qed jara dak li suppost kellu jara u ghalhekk mar wisq lejn il-lemin tat-triq. Ir-responsabbilita` tal-konvenut Debono wkoll ma tistax tigi eskluza billi dan naqas li josserva dak li kien hemm fit-triq meta kien qed jopera bicca apparat perikoluz ghall-utenti tat-triq.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba l-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti

jew li titfa’ xi responsabbilita` kontributorja fuq l-attur, u dan specjalment billi ma jirrizulta bl-ebda mod li l-istess attur ghamel xi haga biex ipoggi lilu nnifsu f’xi perikolu. Hu kien mixi mal-genb tat-triq b’mod li seta’ jidher mill-konvenuti u ma jirrizultax li ghamel xi mossa biex jipperikola l-posizzjoni tieghu jew jikkawza s-sinistru.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza kontra l-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------